MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2005

Numru 788/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**
**V**

**CHIRSTOPHER SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER SPITERI** ta' dsatax il-sena bin John u Agnes nee Agius, imwieled Hal Qormi nhar d-dsatax ta' Jannar 1981 u residenti 'Janice House', Tal Hlas Rod, Hal; Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 202481M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' Dicembru 1999 bejn l-erbgha u l-hamsa ta' wara nofsinhar , waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAH 981 tal-ghamla Transit matul Triq San Dwardu, f'Hal Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, laqat lil Helen Bugeja bl-imsemmija vettura w ikkagunalha l-mewt.

Talli fl-istess data, hin u lok saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza.

Talli fl-istess data,hin u lok, saq l-imsemmija vettura jew kellu l-kontroll tal-istess vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb alkoholiku.

Talli saq, ipprova isuq, jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm u/jew fl-awrina, kien izjed mill-limitu preskritt.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-dsatax ta' Jannar 2005.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi ai fini ta' piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu jigi trattat bhala “first time offender” u dan ghaliex ma ghandu l-ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha.

Semghet lill-imputat jghid bil-gurament illi l-eredi ta' Helen Bugeja gew kumpensati ghat-telf taghhom u cioe` ghall-ghemil involontarju tieghu li wassal ghall-mewt ta' Helen Bugeja u dan mis-socjeta` assikuratrici tieghu. Rat ukoll

illi l-eredi ta’ Bugeja ma ghandhom l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra tieghu u dan ghaliex m’hemm l-ebda kawza civili pendenti u llum l-azzjoni civili tinsab preskritta u ghalhekk ma jistghux jigu inizjati proceduri civili.

Rat ukoll li l-incident sehh meta l-imputat kellu tmintax il-sena u llum l-gurnata l-imputat isettilja ruhu u zzewweg u ghandu impieg fiss.

Illi ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, tenendo kont li l-akkuza principali tikkoncerna reat involontarju l-Qorti ma thossx li ghandha tapplika piena karcerarja effettiva, pero’ rat illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba t-traskuragni u n-negligenza tieghu u cioe` waqt li l-imputat saq taht l-influwenza ta’ xorb u ghalhekk ghandha tapplika piena karcerarja sospiza. Il-Qorti rat ukoll illi l-incident sehh fis-sena 1999 u ghalhekk l-emendi introdotti bl-att 3 tas-sena 2002 ghall-artikolu 225 tal-Kap 9 ma japplikawx ghall-kaz in esami.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15 (1) u 15 A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat CHIRSTOPHER SPITERI hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddicidi li tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sena sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-llum. Oltre dan tikkundannah multa ta’ erbgha mitt lira Maltin (Lm 400) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sitt xhur mill-llum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------